



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 17 ta' Marzu 2014
(OR. en)**

7799/14

AGRILEG 66

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	13 ta' Marzu 2014
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	D032083/03
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../... ta' XXX li jemenda l-Annessi III u IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livelli massimi ta' residwu għaż-żejt tal-larinġ, Phlebiopsis gigantea, l-aċidu Gibberelliku, Paecilomyces fumosoroseus razza FE 9901, il-vajrus tal-poliedrożi nukleari Spodoptera littoralis, il-vajrus tal-poliedrożi nukleari Spodoptera exigua, Bacillus firmus I-1582, l-aċidu s-abscisic, l-aċidu L-askorbiku u l-vajrus tal-poliedrożi nukleari Helicoverpa armigera fi jew fuq ċerti prodotti

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument D032083/03.

Mehmuż: D032083/03



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, **XXX**
SANCO/10023/2014
(POOL/E3/2014/10023/10023-EN.doc)
D032083/03
[...](2014) **XXX** draft

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../...

ta' **XXX**

li jemenda l-Annessi III u IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livelli massimi ta' residwu għaż-żejt tal-larinġ, *Phlebiopsis gigantea*, l-aċidu Gibberelliku, *Paecilomyces fumosoroseus* razza FE 9901, il-vajrus tal-poliedrożi nukleari *Spodoptera littoralis*, il-vajrus tal-poliedrożi nukleari *Spodoptera exigua*, *Bacillus firmus* I-1582, l-aċidu s-abscisic, l-aċidu L-askorbiku u l-vajrus tal-poliedrożi nukleari *Helicoverpa armigera* fi jew fuq ċerti prodotti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../...

ta' **XXX**

li jemenda l-Annessi III u IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livelli massimi ta' residwu għaż-żejt tal-larinġ, *Phlebiopsis gigantea*, l-aċidu Gibberelliku, *Paecilomyces fumosoroseus* razza FE 9901, il-vajrus tal-poliedrożi nukleari *Spodoptera littoralis*, il-vajrus tal-poliedrożi nukleari *Spodoptera exigua*, *Bacillus firmus* I-1582, l-aċidu s-abscisic, l-aċidu L-askorbiku u l-vajrus tal-poliedrożi nukleari *Helicoverpa armigera* fi jew fuq ċerti prodotti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Għall-aċidu gibberelliku, il-livelli massimi ta' residwu (l-MRLs) ġew stabbiliti fil-Parti A tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Għal *Phlebiopsis gigantea*, *Paecilomyces fumosoroseus* razza FE 9901, il-vajrus tal-poliedrożi nukleari *Spodoptera littoralis*, il-vajrus tal-poliedrożi nukleari *Spodoptera exigua*, *Bacillus firmus* I-1582, iż-żejt tal-larinġ, l-aċidu s-abscisic, l-aċidu L-askorbiku u l-vajrus tal-poliedrożi nukleari *Helicoverpa armigera*, l-ebda MRLs speċifiċi ma ġew stabbiliti u dawn is-sustanzi ma ġewx inklużi anqas fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. Għalhekk japplika l-valur iffissat ta' 0.01 mg/kg stipulat fl-Artikolu 18(1)(b) ta' dak ir-Regolament².
- (2) Fir-rigward ta' *Phlebiopsis gigantea*², *Paecilomyces fumosoroseus* razza FE 9901³, il-vajrus tal-poliedrożi nukleari *Spodoptera littoralis*⁴, il-vajrus tal-poliedrożi nukleari

¹ ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.

² L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Il-konklużjoni dwar l-evalwazzjoni bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju għall-pestiċidi tas-sustanza attiva *Phlebiopsis gigantea*. EFSA Journal 2013; 11(1):3033. [31 pp.] doi:10.2903/j.efsa.2013.3033.

³ L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Il-konklużjoni dwar l-evalwazzjoni bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju għall-pestiċidi tas-sustanza attiva *Paecilomyces fumosoroseus* razza FE 9901. EFSA Journal 2012; 10(9):2869. [26 pp.] doi:10.2903/j.efsa.2012.2869.

⁴ L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Il-konklużjoni dwar l-evalwazzjoni bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju għall-pestiċidi tas-sustanza attiva vajrus tal-poliedrożi nukleari *Spodoptera littoralis*. EFSA Journal 2012; 10(9):2864. [33 pp.] doi:10.2903/j.efsa.2012.2864.

*Spodoptera exigua*⁵, *Bacillus firmus* I-1582⁶ u l-vajrus tal-poliedrożi nukleari *Helicoverpa armigera*⁷ l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, ('l-Awtorità') ikkonkludiet li dawn is-sustanzi mhumiex patoġeniġi għall-bniedem u ma jeħtiġux valutazzjoni tar-riskju kwantitattiva għall-konsumatur. Fid-dawl ta' dik il-konklużjoni, il-Kummissjoni tqis li l-inklużjoni ta' tali sustanzi fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 hija f'lokha.

- (3) Għaż-żejt tal-laring⁸, l-Awtorità ma setgħetx tasal għal konklużjoni dwar il-valutazzjoni tar-riskju tad-dieta għall-konsumaturi peress li xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u kienet meħtieġa aktar attenzjoni mill-manigiers tar-riskji. Iż-żejt tal-larinġ jokkorri b'mod naturali fil-pjanti u jintuża bħala sustanza għat-togħma għall-mediċina u għall-ikel. Fid-dawl ta' dan jitqies xieraq li din is-sustanza tiġi inkluża temporanjament fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 sakemm titressaq l-opinjoni motivata tal-EFSA skont l-Artikolu 12(1).
- (4) Għall-aċidu gibberelliku⁹, l-Awtorità ma setgħetx tasal għal konklużjoni dwar il-valutazzjoni tar-riskju tad-dieta għall-konsumaturi peress li xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u kienet meħtieġa aktar attenzjoni mill-manigiers tar-riskji. L-aċidu gibberelliku jokkorri b'mod naturali f'firxa wiesgħa ta' pjanti. L-Awtorità ma pproponietx MRLs għall-għeneb minħabba li r-residwi intwerew li huma taħt il-livell LOQ fil-kampjuni ttrattati u tal-kontroll, u minħabba li ma jkunx possibbli li ssir distinzjoni bejn gibberellini eżoġeni u daww li jokkorru b'mod naturali. Fid-dawl ta' dawn ir-raġunijiet huwa meqjus xieraq li din is-sustanza tiġi inkluża temporanjament fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 sakemm titressaq l-opinjoni motivata tal-EFSA skont l-Artikolu 12(1).
- (5) Għal aċidu s-abscisic¹⁰, l-Awtorità ma setgħetx tasal għal konklużjoni dwar il-valutazzjoni tar-riskju tad-dieta għall-konsumaturi peress li xi informazzjoni ma kinitx disponibbli u kienet meħtieġa aktar konsiderazzjoni mill-manigiers tar-riskji. L-aċidu s-abscisic jokkorri b'mod naturali fil-pjanti. Fid-dawl ta' dan jitqies xieraq li din is-sustanza tiġi inkluża temporanjament fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 sakemm titressaq l-opinjoni motivata tal-EFSA skont l-Artikolu 12(1).

⁵ Il-Bord tal-BIOHAZ tal-EFSA (il-Bord tal-EFSA dwar Perikli Bijoloġiġi), 2013. L-Opinjoni xjentifika dwar iż-żamma tal-lista ta' aġenti bijoloġiġi tal-QPS li jiġu miżjudi b'mod intenzjonali mal-ikel u l-ġhalf (aġġornament tal-2013). EFSA Journal 2013;11(11):3449 [108 pp.]. doi:10.2903/j.efsa.2013.3449.

⁶ L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Il-konklużjoni dwar l-evalwazzjoni bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju għall-pestiċidi tas-sustanza attiva *Bacillus firmus* I-1582. EFSA Journal 2012; 10(10):2868. [33 pp.] doi:10.2903/j.efsa.2012.2868.

⁷ L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Il-konklużjoni dwar l-evalwazzjoni bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju għall-pestiċidi tas-sustanza attiva vajrus tal-poliedrożi nukleari *Helicoverpa armigera*. EFSA Journal 2012; 10(9):2865. [31 pp.] doi:10.2903/j.efsa.2012.2865.

⁸ L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Il-konklużjoni dwar l-evalwazzjoni bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju għall-pestiċidi tas-sustanza attiva żejt tal-larinġ. EFSA Journal 2013; 11(2):3090. [55 pp.] doi:10.2903/j.efsa.2013.3090.

⁹ L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Il-konklużjoni dwar l-evalwazzjoni bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju għall-pestiċidi tas-sustanza attiva aċidu gibberelliku. EFSA Journal 2012; 10(1):2507. [45 pp.] doi:10.2903/j.efsa.2012.2507.

¹⁰ L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, 2013. Il-konklużjoni dwar l-evalwazzjoni bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju għall-pestiċidi tas-sustanza attiva aċidu S-abscisic. EFSA Journal 2013;11(8):3341, 78 pp. doi:10.2903/j.efsa.2013.3341.

- (6) Fir-rigward l-aċidu L-askorbiku, l-Awtorità kkonkludiet¹¹ li l-inklużjoni tagħha fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 hija xierqa.
- (7) Abbażi tal-opinjoni motivati tal-Awtorità u b'kunsiderazzjoni tal-fatturi rilevanti tas-suġġett ikkunsidrat, il-modifiki mitluba għall-MRLs jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 5(1) u tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (8) Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

- (1) Fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, titħassar il-kolonna għall-aċidu gibberelliku.
- (2) Fl-Anness IV, l-entrati: 'żejt tal-larinġ⁽¹⁾', '*Phlebiopsis gigantea*', 'aċidu gibberelliku⁽¹⁾', '*Paecilomyces fumosoroseus* razza FE 9901', 'vajrus tal-poliedrożi nukleari *Spodoptera littoralis*', 'vajrus tal-poliedrożi nukleari *Spodoptera exigua*', '*Bacillus firmus* I-1582', 'aċidu s-abscisic⁽¹⁾', 'aċidu L-askorbiku', u 'vajrus tal-poliedrożi nukleari *Helicoverpa armigera*' jiżdiedu, f'ordni alfabetika.

- (¹) Sustanzi temporanjament inklużi fl-Anness IV, sakemm issir il-valutazzjoni tagħhom skont id-Direttiva 91/414/KEE u sakemm titressaq l-opinjoni motivata tal-EFSA skont l-Artikolu 12 (1).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

¹¹ L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Il-konklużjoni dwar l-evalwazzjoni bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju għall-pestiċidi tas-sustanza attiva aċidu L-askorbiku. EFSA Journal 2013; 11(4):3197. [54 pp.] doi:10.2903/j.efsa.2013.3197.